Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B**

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-23 ta' Ottubru 2002

li tadotta l-lista ta' faċilitajiet approvati f'pajjiżi terzi għat-tneħħija ta' radjazzjoni minn fuq l-ikel

(notifikata taħt id-dokument numru K(2002) 3994)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2002/840/KE)

(OJ L 287, 25.10.2002, p. 40)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/691/KE, tas-7 ta Ottubru 2004	L 314	14	12.10.2005

▼B

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-23 ta' Ottubru 2002

li tadotta l-lista ta' faċilitajiet approvati f'pajjiżi terzi għat-tneħħija ta' radjazzjoni minn fuq l-ikel

(notifikata taħt id-dokument numru K(2002) 3994)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2002/840/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunita' Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 1999/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Frar 1999 fuq l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' Stati Membri li jikkonċernaw prodotti u ingredjenti ta' l-ikel trattati b'radjazzjoni jonizzanti ([1]), u partikolarment Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

(1) Skond id-Direttiva 1999/2/KE oġġetti ta' l-ikel ittrattati b'radjazzjoni joniżżanti ma jistgħux jiġu mportati minn pajjiż terz sakemm ma jkunx ġew ittrattati f'faċilità ta' tneħħija ta' radjazzjoni approvata mill-Komunità.

(2) Il-Kummissjoni rċeviet applikazzjoni għall-approvazzjoni minn tlett faċilitajiet ta' tneħħija ta' radjazzjoni fl-Afrika ta' Isfel, u waħda fl-Ungerija permezz ta' l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Esperti tal-Kummissjoni spezzjonaw il-faċilitajiet ta' tneħħija ta' radjazzjoni sabiex jiġi vverifikat jekk humiex konformi mal-ħtiġijiet tad-Direttiva 1999/2/KE u, b'mod partikolari, jekk superviżjoni uffiċjali tigarantixxix li jkunu konformi mal-ħtiġiet ta' Artikolu 7 ta' dik id-Direttiva.

(3) Il-faċilitajiet fl-Afrika ta' Isfel u fl-Ungerija kkonformaw mal-maġġoranza tal-ħtiġiet tad-Direttiva 1999/2/KE. In-nuqqasjiet identifikati mill-Kummissjoni ġew indirizzati b'mod adekwat mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Afrika ta' isfel u ta' l-Ungerija. Il-lista li għad trid tiġi adottata b'din id-Deċiżjoni għandha tiġi riveduta b'mod regolari.

(4) Il-miżuri li għalihom hemm provdut f'din id-Deċiżjoni huma konformi ma' l-Opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Animali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-lista ta' faċilitajiet ta' tneħħija ta' radjazzjoni approvati fit-tifsira ta' Artikolu 9(2) tad-Direttiva 1999/2/KE hija konformi ma' l-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri.

([1]) ĠU L 66, tat-13.3.1999, p. 16.

▼M1

ANNESS

Lista ta faċilitajiet ta irradjazzjoni fpajjiżi terzi li huma approvati mill-Komunità

Nru ta Referenza: EU-AIF 01-2002

HEPRO Cape (Pty) Ltd
6 Ferrule Avenue
Montague Gardens
Milnerton 7441
Western Cape
Republic of South Africa
Tel: + 27-21-551 2440
Fax: + 27-21-551 1766

Nru ta Referenza: EU-AIF 02-2002

GAMMASTER South Africa (Pty) Ltd
P.O. Box 3219
5 Waterpas Street
Isando Extension 3
Kempton Park 1620
Johannesburg
Republic of South Africa
Tel: + 27-11-974 8851
Fax: + 27-11-974 8986

Nru ta Referenza: EU-AIF 03-2002

GAMWAVE (Pty) Ltd
P.O. Box 26406
Isipingo Beach
Durban 4115
Kwazulu-Natal
Republic of South Africa
Tel: + 27-31-902 8890
Fax: + 27-31-912 1704

Nru ta Referenza: EU-AIF 05-2004

GAMMA-PAK A.S.
Yünsa Yolu N: 4 OSB
Cerkezköy/TEKIRDAG
TR-59500
Turkey
Tel: + 90 282726 57 90
Fax: + 90 282726 51 78

Nru ta Referenza: EU-AIF 06-2004

STUDER AGG WERK HARD
Hogenweidstrasse 2
Däniken
CH-4658
Switzerland
Tel: + 41 062288 9060
Fax: + 41 062288 9070